SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

8 ta' Mejju 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/114/KE – Reklamar qarrieqi u reklamar komparattiv – Artikolu 4(ċ) – Reklamar komparattiv permess – Sit internet li joffri servizz ta' paragun online ta' offerti ta' assigurazzjoni – Paragun magħmul minn terz permezz ta' sistema ta' evalwazzjoni jew ta' għoti ta' punti – Artikolu 2(ċ) – Identifikazzjoni ta' 'kompetitur' – Assenza"

Fil-Kawża C-697/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Novembru 2023, fil-proċedura

HUK-COBURG Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse kraftfahrender Beamter Deutschlands a.G. in Coburg

vs

Check24 Vergleichsportal GmbH,

CHECK24 Vergleichsportal für Kfz-Versicherungen GmbH,

CHECK24 Vergleichsportal für Sachversicherungen GmbH,

CHECK24 Vergleichsportal für Krankenversicherungen GmbH,

CHECK24 Vergleichsportal für Vorsorgeversicherungen GmbH,

CHECK24 Vergleichsportal für Versicherungsprodukte GmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn N. Jääskinen (Relatur), President tal-Awla, A. Arabadjiev u M. Condinanzi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal HUK-COBURG Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse kraftfahrender Beamter Deutschlands a.G. in Coburg, minn H.-J. Omsels, Rechtsanwalt,

– għal Check24 Vergleichsportal GmbH, CHECK24 Vergleichsportal für Kfz-Versicherungen GmbH, CHECK24 Vergleichsportal für Sachversicherungen GmbH, CHECK24 Vergleichsportal für Krankenversicherungen GmbH, CHECK24 Vergleichsportal für Vorsorgeversicherungen GmbH, CHECK24 Vergleichsportal für Versicherungsprodukte GmbH, minn A. Bauer, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri bħala aġent, assistita minn E. Manzo, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Kienapfel u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU 2006, L 376, p. 21).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn HUK-COBURG Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse kraftfahrender Beamter Deutschlands a.G. in Coburg (iktar 'il quddiem "HUK-Coburg") u Check24 Vergleichsportal GmbH *et* (iktar 'il quddiem, flimkien, "Check24") dwar talba għal waqfien ta' sistema ta' paragun online permezz ta' evalwazzjoni fis-sit internet operat minn dawn tal-aħħar.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/114:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipproteġi lill-kummerċjanti minn reklamar qarrieqi u mill-konsegwenzi żleali tiegħu u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom huwa permess ir-reklamar komparattiv."

4 L-Artikolu 2(ċ) ta' din id-direttiva jiddisponi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(ċ) 'reklamar komparattiv' tfisser kull reklamar li espliċitament jew b'deduzzjoni jidentifika kompetitur jew merkanzija jew servizzi offruti minn kompetitur".

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Ir-reklamar komparattiv għandu, safejn il-paragun huwa konċernat, jiġi permess fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(b) jagħmel paragun bejn merkanzija jew servizzi li jissodisfaw l-istess ħtiġijiet jew li huma maħsuba għall-istess għan;

(ċ) jagħmel paragun oġġettiv bejn wieħed jew iżjed mill-karatteristiċi essenzjali, relevanti, verifikabbli u rappreżentattivi ta' dawk il-merkanziji u servizzi, li jistgħu jinkludu l-prezz;

(d) la jiskredita u lanqas imaqdar it-*trade marks*, l-ismijiet kummerċjali, jew marki oħra distintivi, il-merkanzija, is-servizzi, l-attivitajiet jew iċ-ċirkostanzi ta' kompetitur;

[…]

(h) ma joħloqx konfużjoni bejn kummerċjanti, bejn dak li jirreklama u xi kompetitur jew bejn it-trade *marks*, ismijiet kummerċjali jew marki oħra distintivi, merkanzija jew servizzi tar-riklamant u dawk ta' xi kompetitur."

6 L-Artikolu 5 tal-istess direttiva jistabbilixxi, fl-ewwel subparagrafu tal-ewwel paragrafu tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiġi miġġieled ir-reklamar qarrieqi u jinfurzaw konformità mad-dispożizzjonijiet dwar reklamar komparattiv fl-interess tal-kummerċjanti u tal-kompetituri."

Id-dritt Ġermaniż

7 L-Artikolu 6 tal-Gesetz gegen den unlauteren Wettbewerb (il-Liġi Kontra l-Kompetizzjoni Żleali), tat-3 ta' Lulju 2004 (BGBl. 2004 I, p. 1414), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"UWG"), jiddisponi:

"(1) Reklamar komparattiv huwa kull reklamar li, b'mod impliċitu jew espliċitu, jidentifika kompetitur jew oġġetti jew servizzi offruti minn kompetitur.

(2) Jaġixxi b'mod żleali kull min jagħmel reklamar komparattiv jekk dan:

[…]

2. ma jindirizzax oġġettivament karatteristika essenzjali, rilevanti, verifikabbli u rappreżentattivi waħda jew iktar, jew il-prezz ta' dawk l-oġġetti jew is-servizzi;

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 HUK-Coburg hija l-kumpannija omm ta' grupp kbir ta' assigurazzjoni Ġermaniż li s-sussidjarji tagħha joffru assigurazzjonijiet f'oqsma differenti, b'mod partikolari f'dak tal-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

9 Min-naħa tagħha, Check24 hija grupp ta' kumpanniji rregolati mid-dritt Ġermaniż li joperaw sit internet ta' paragun online li joffru mingħajr ħlas lill-utenti ta' dan is-sit il-possibbiltà ta' paragun ta' prodotti differenti, fosthom formuli ta' assigurazzjoni. Tali paragun isir abbażi ta' serje ta' kriterji, b'mod partikolari l-prezz, permezz ta' marki mogħtija lid-diversi formoli ta' assigurazzjoni (iktar 'il quddiem il-"marki"). Dan is-sit internet joffri wkoll il-possibbiltà li jiġu konklużi, eventwalment, kuntratti mal-fornituri ta' dawn il-prodotti.

10 Dawn is-siti ta' paragun online huma, bħala prinċipju, imfassla skont l-istess mudell, fid-diversi oqsma ta' assigurazzjoni kkonċernati. Paġna tar-riżultati tinkiseb wara li tiddaħħal ċerta informazzjoni ta' referenza, fosthom uħud huma obbligatorji u oħrajn huma fakultattivi, dwar id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni u l-prodott mixtieq. Din il-paġna tinkludi lista ta' formoli ta' assigurazzjoni tad-diversi assiguraturi kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-informazzjoni dwar dawn ikkunsidrati bħala essenzjali, jiġifieri l-isem tal-assiguratur, il-prezz tal-formula kkonċernata, iżda wkoll, taħt il-forma ta' kliem gwida, dettalji relatati magħha. Barra minn hekk, marka indikata espressament bħala tali tidher f'kamp rettangolari mdawwar bil-blu taħt l-isem tal-assiguratur ipparagunat. Din il-marka tindika valur numeriku li jvarja minn 1.0 sa 4.0 u hija akkumpanjata, skont il-każ, mill-kliem "tajjeb ħafna", "tajjeb", "sodisfaċenti" jew "suffiċjenti", attribwiti lil kull assiguratur. Fil-bidu ta' din il-lista hemm l-ewwel offerta, indikata, fil-parti l-kbira tal-każijiet, bil-kliem "rakkomandazzjoni dwar ir-relazzjoni bejn il-kwalità u l-prezz", segwita mit-tieni waħda, indikata bil-kliem "rakkomandazzjoni dwar il-prestazzjoni".

11 L-offerti li ġejjin huma bħala prinċipju kklassifikati f'ordni axxendenti tal-prezz, iżda l-klijent għandu wkoll il-possibbiltà, billi jagħfas fuq il-buttuni korrispondenti, li jikseb ordni ta' klassifikazzjoni differenti, jiġifieri permezz tal-ismijiet tal-assiguraturi kkonċernati, ikklassifikati f'ordni alfabetika, permezz tal-marki, ikklassifikati f'ordni dixxendenti, u permezz tal-evalwazzjonijiet tal-klijenti, ikklassifikati mill-aħjar għall-inqas tajjeb. Barra minn hekk, jekk l-utent jgħaddi l-vleġġa tal-mouse fuq il-qasam li fih il-marka, hemm tieqa kuntestwali li turi informazzjoni bażika dwar din il-marka.

12 L-imsemmija marka tistrieħ fuq sistema ta' punti bbażata fuq "parametri ta' evalwazzjoni" differenti li jikkonsistu f'punti mogħtija sa ċertu limitu massimu, li, flimkien, jagħtu punteġġ totali. Dawn il-parametri ta' evalwazzjoni u dan il-punteġġ totali jvarjaw skont il-qasam tal-assigurazzjoni kkonċernata. L-imsemmija parametri ta' evalwazzjoni huma miġbura f'subgruppi jew f'kategoriji, li huma differenti skont l-oqsma ta' assigurazzjoni inkwistjoni, u huma akkumpanjati minn indikazzjoni ħadra jew safra li turi li tajba jew salib aħmar. Fil-qiegħ ta' din it-tieqa kuntestwali, huwa indikat li dawn is-simboli jfissru rispettivament "tajjeb ħafna", "medju" u "inqas mill-medja/riskju mhux assigurat".

13 Huwa f'dan il-kuntest li, matul is-sena 2020, HUK-Coburg fetħet proċedura quddiem il-Landgericht Köln (il-Qorti Reġjonali ta' Köln, il-Ġermanja) kontra Check24, fejn allegat, fost l-oħrajn, li, fir-rigward tal-assigurazzjonijiet tal-vetturi bil-mutur, il-paraguni proposti fis-sit internet inkwistjoni permezz tal-marki kienu jmorru kontra l-punt 2 tal-Artikolu 6(2) tal-UWG. Din il-qorti vvalidat dan ir-raġunament f'sentenza tat-22 ta' April 2020, u konsegwentement Check24 emendat dan is-sit internet f'dak li jirrigwarda l-prodotti ta' assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur u qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi kkonċernati informazzjoni addizzjonali fuq il-marki. Sussegwentement, Check24 għamlet ukoll bidliet simili f'dak li jirrigwarda prodotti oħra ta' assigurazzjoni.

14 Fis-26 ta' Novembru 2020, HUK-Coburg ippreżentat rikors quddiem l-imsemmija qorti kontra Check24 Vergleichsportal, il-kumpannija responsabbli għat-tqegħid tal-imsemmi sit internet għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi. Fuq talba ta' HUK-Coburg, l-istess qorti, permezz ta' digriet tat-22 ta' Marzu 2021, bagħtet il-kawża quddiem il-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju. HUK-Coburg ressqet talba għal waqfien u għal kumpens, intiża għal forom konkreti ta' ksur, b'mod partikolari, il-wiri tal-marki fuq il-paġni tar-riżultati bħala tali, iżda wkoll flimkien mal-informazzjoni korrispondenti permezz ta' twieqi kuntestwali. F'dan ir-rigward, hija sostniet li tali marki jikkostitwixxu reklamar komparattiv illegali bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, minħabba li għandhom jitqiesu li huma ġudizzji ta' valur li ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' reklamar komparattiv, għaliex huma jirriflettu oġġettività falza u jistgħu jkunu estremament qarrieqa għall-konsumatur.

15 Fl-20 ta' Settembru 2021, HUK-Coburg estendiet dan ir-rikors għal Check24. B'mod partikolari, HUK-Coburg talbet lil Check24 Vergleichsportal für Sachversicherungen GmbH tieqaf milli tippreżenta formuli ta' assigurazzjoni għall-għamara u l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali skont il-prezzijiet tagħhom u l-evalwazzjonijiet tal-klijenti.

16 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-kwistjoni dwar jekk il-punt 2 tal-Artikolu 6(2) tal-UWG, jipprojbixxix b'mod ġenerali paragun permezz ta' marki, bħal dak inkwistjoni fit-tilwima li għandha quddiemha, tiddependi mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2006/114.

17 Din il-qorti tqis, qabelxejn, li marka hija ċifra li, waħedha, ma tipprovdix lill-konsumatur informazzjoni dwar il-prodott ipparagunat li hija importanti biżżejjed sabiex twassal għal deċiżjoni ta' xiri, b'tali mod li din in-nota ma tikkostitwixxix karatteristika ta' prodott, fis-sens tal-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2006/114.

18 Hija tosserva, sussegwentement, li l-attribuzzjoni ta' punti jew ta' marki hija att suġġettiv, filwaqt li din id-dispożizzjoni teżiġi espressament paragun oġġettiv. Fil-fehma tagħha, tali oġġettività hija meħtieġa b'mod parallel mal-verifikabbiltà u għalhekk għandu jkollha tifsira awtonoma, indipendenti minnha.

19 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirrileva li d-Direttiva 2006/114 tirrigwarda, bħala prinċipju, ħarsa pożittiva fuq ir-reklamar komparattiv mill-perspettiva tal-kompetizzjoni u tal-politika ta' protezzjoni tal-konsumaturi u li hija intiża biss sabiex tipproteġi lill-konsumaturi u lill-kompetituri kontra l-iżvantaġġi eventwali ta' dan ir-reklamar. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2006/114 għandhom, skont dik il-qorti, jiġu interpretati b'mod wiesa'.

20 Fl-aħħar nett, l-imsemmija qorti tqis li sistema ta' evalwazzjoni jew ta' għoti ta' punti tippermetti paragun sintetiku ta' numru kbir ta' kriterji u għalhekk tista' tikkostitwixxi għajnuna għall-konsumatur fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet ta' xiri kumplessi.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva [2006/114] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjonijiet għal reklamar komparattiv permissibbli taħt din id-dispożizzjoni jistgħu wkoll jiġu ssodisfatti jekk il-paragun isir permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni jew punteġġ?"

Fuq id-domanda preliminari

22 Preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha l-obbligu li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' t-tilwima li jkollha quddiemha. F'dan il-kuntest, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew magħmula lilha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompitu li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li għandhom bżonn il-qrati nazzjonali sabiex jiddeċiedu fuq it-tilwim quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux indikati espressament fid-domandi li jkunu indirizzati lilha minn dawn il-qrati (sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, K.H.K. (Preżervazzjoni tal-kontijiet), C-555/18, EU:C:2019:937, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Konsegwentement, anki jekk, formalment, id-domanda magħmula tirreferi għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(ċ) tad-Direttiva 2006/114, b'mod partikolari għall-punt dwar jekk il-kundizzjonijiet li jikkostitwixxu reklamar komparattiv legali jistgħux jiġu ssodisfatti wkoll meta paragun isir permezz ta' sistema ta' evalwazzjoni jew ta' attribuzzjoni ta' punti, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti tal-imsemmi dritt li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, K.H.K. (Preżervazzjoni tal-kontijiet), C-555/18, EU:C:2019:937, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dan il-każ, fid-dawl tal-elementi li jirriżultaw mit-talba għal deċiżjoni preliminari, għandu jiġi eżaminat jekk servizz ta' paragun online ta' prodotti ta' assigurazzjoni pprovdut minn impriża jistax jitqies li jikkostitwixxi "reklamar komparattiv", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2006/114, u, jekk ikun il-każ, jekk tali forma ta' reklamar tissodisfax il-kriterji ta' legalità stabbiliti minn din id-direttiva.

25 Dan l-Artikolu 2(ċ) jiddefinixxi l-kunċett ta' "reklamar komparattiv" bħala li "tfisser kull reklamar li espliċitament jew b'deduzzjoni jidentifika kompetitur jew merkanzija jew servizzi offruti minn kompetitur".

26 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-element speċifiku tal-kunċett ta' reklamar komparattiv huwa kkostitwit mill-identifikazzjoni ta' kompetitur ta' min jirreklama jew tal-oġġetti u tas-servizzi li joffri (sentenzi tad-19 ta' April 2007, De Landtsheer Emmanuel, C-381/05, EU:C:2007:230, punt 27, u tat-18 ta' Novembru 2010, Lidl, C-159/09, EU:C:2010:696, punt 30).

27 Għaldaqstant, kif enfasizzat ġustament il-Kummissjoni Ewropea, huwa għalhekk determinanti, f'dan il-każ, li jsir magħruf jekk grupp ta' kumpanniji li joffru servizzi ta' paragun online ta' prodotti ta' assigurazzjoni jistax jiġi kklassifikat bħala "kompetitur", fis-sens ta' dan l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2006/114, ta' grupp ta' assigurazzjoni.

28 Minn dan isegwi li min jirreklama, jiġifieri Check24, għandu jkun kompetitur ta' HUK-Coburg sabiex il-prassi kkontestata titqies bħala reklamar komparattiv fis-sens ta' dan l-Artikolu 2(ċ) u li din il-prassi tkun tista' għalhekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, fatt li għandu jiġi eżaminat mill-qorti tar-rinviju.

29 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li la din id-dispożizzjoni u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tal-imsemmija direttiva ma jinkludu definizzjoni tal-kunċett ta' "kompetitur".

30 Fir-rigward ta' dan il-kunċett ta' "kompetitur", għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-kwalità ta' impriżi kompetituri koperta mill-kunċett ta' reklamar komparattiv hija bbażata, mid-definizzjoni tagħha stess, fuq in-natura sostitwibbli tal-oġġetti jew tas-servizzi li dawn l-impriżi joffru fis-suq (sentenzi tad-19 ta' April 2007, De Landtsheer Emmanuel, C-381/05, EU:C:2007:230, punt 28, u tat-18 ta' Novembru 2010, Lidl, C-159/09, EU:C:2010:696, punt 30).

31 Din hija r-raġuni għaliex l-Artikolu 4(b) tad-Direttiva 2006/114 jissuġġetta l-legalità ta' reklamar komparattiv għall-kundizzjoni li dan jipparaguna oġġetti jew servizzi li jissodisfaw l-istess bżonnijiet jew li għandhom l-istess għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' April 2007, De Landtsheer Emmanuel, C-381/05, EU:C:2007:230, punt 29).

32 Barra minn hekk, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li prodotti huma, sa ċertu punt, ta' natura li jissodisfaw bżonnijiet identiċi jippermetti li jiġi konkluż li hemm ċertu livell ta' sostituzzjoni bejniethom (sentenzi tad-19 ta' April 2007, De Landtsheer Emmanuel, C-381/05, EU:C:2007:230, punt 30, u tat-18 ta' Novembru 2010, Lidl, C-159/09, EU:C:2010:696, punt 32).

33 Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni konkreta ta' dan il-grad ta' sostituzzjoni, li għandha ssir mill-qrati nazzjonali u li għandhom iwettqu fid-dawl ta' l-għanijiet tad-Direttiva 2006/114 kif ukoll tal-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tippreżupponi l-eżami ta' kriterji li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' relazzjoni kompetittiva bejn almenu parti tal-firxa tal-prodotti offruti mill-impriżi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' April 2007, De Landtsheer Emmanuel, C-381/05, EU:C:2007:230, punt 33).

34 F'dan il-każ, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-eżami tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn Check24 u HUK-Coburg, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq, għandha tkun ibbażata fuq analiżi tan-natura eventwalment sostitwibbli tas-servizzi offruti rispettivament mill-partijiet fil-kawża prinċipali, intiża sabiex tiddetermina jekk dawn joperawx fl-istess suq.

35 F'dan ir-rigward, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, filwaqt li HUK-Coburg tipprovdi lill-klijenti tagħha servizzi ta' assigurazzjoni f'diversi oqsma, Check24 ma toffrix hija stess tali servizzi, iżda sempliċement tipparaguna online formuli differenti ta' servizzi ta' assigurazzjoni offruti minn kumpanniji tal-assigurazzjoni permezz ta' sistema ta' evalwazzjoni jew ta' għoti ta' punti u, jekk ikun il-każ, toffri, bħala intermedjarju, il-possibbiltà li tikkonkludi kuntratti mal-kumpanniji tal-assigurazzjoni li jipprovdu s-servizzi pparagunati.

36 B'hekk, sa fejn minn dan il-proċess jirriżulta li Check24 topera sit ta' paragun ta' servizzi ta' assigurazzjoni online u ma hijiex hija stess kumpannija tal-assigurazzjoni, hija la tista' tipprovdi u lanqas tiddisponi minn tali servizzi, inkluż meta hija tippermetti, bħala sempliċi intermedjarja, il-konklużjoni ta' kuntratti bejn klijenti u fornituri ta' prodotti ta' assigurazzjoni.

37 Għaldaqstant, jidher, bla ħsara għal verifika iktar wiesgħa mill-qorti tar-rinviju, li grupp ta' assigurazzjoni, bħal HUK-Coburg, u grupp ta' kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' paragun online ta' prodotti ta' assigurazzjoni, bħal Check24, joffru servizzi li ma humiex sostitwibbli u għalhekk joperaw fi swieq ta' servizzi differenti.

38 Minn dan isegwi li ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "reklamar komparattiv", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2006/114, servizzi ta' paragun online ta' prodotti ta' assigurazzjoni pprovduti minn impriża li la tidentifika kompetitur tagħha u lanqas oġġetti jew servizzi offruti minn tali kompetitur.

39 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju għandha tkun li l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2006/114 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jaqax taħt il-kunċett ta' "reklamar komparattiv", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, servizz ta' paragun online ta' prodotti jew ta' servizzi pprovdut minn impriża li ma hijiex "kompetitur" fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, jiġifieri li ma toffrix hija stess il-prodotti jew is-servizzi li hija tipparaguna u li topera, konsegwentement, f'suq ta' prodotti jew ta' servizzi distinti. L-istess japplika meta din l-impriża taġixxi bħala intermedjarja u tippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti ma' impriżi li joffru l-prodotti jew is-servizzi kkonċernati, mingħajr ma topera hija stess fis-suq ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi.

Fuq l-ispejjeż

40 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jaqax taħt il-kunċett ta' "reklamar komparattiv", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, servizz ta' paragun online ta' prodotti jew ta' servizzi pprovdut minn impriża li ma hijiex "kompetitur" fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, jiġifieri li ma toffrix hija stess

il-prodotti jew is-servizzi li hija tipparaguna u li topera, konsegwentement, f'suq ta' prodotti jew ta' servizzi distinti. L-istess japplika meta din l-impriża taġixxi bħala intermedjarja u tippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti ma' impriżi li joffru l-prodotti jew is-servizzi kkonċernati, mingħajr ma topera hija stess fis-suq ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi.

Firem